MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2003

Avviz Numru. 237/2003

**Hetronic Malta Limited**

**vs**

**Dr. Renzo Porsella Flores nominat b'digriet tat-18 ta' Gunju tas-sena 2003 bhala kuratur deputat sabiex jirrappresenta lill-assenti Michael Spalek**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-30 t'April tas-sena 2003 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lill-konvenut assenti Michael Spalek quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

**1. Illi jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' wiehed u ghoxrin elf dollari Awstraljani, (AUD 21,000) jew l-ekwivalenti fi flus Maltin, dovuta minnu in kwantu ghal sitt skadenzi ta' imghaxijiet u cioe', li ghalqu fl-14 t'April tas-sena, 2000, 14 ta' Ottubru tas-sena 2000, 14 t'April tas-sena 2001, 14 ta' Ottubru tas-sena 2001, 14 t'April tas-sena 2002, u 14 ta' Ottubru tas-sena 2002, kull skadenza rapprezentanti ta' tlett elef u hames mitt dollaru Awstraljan (AUD 3,500) imghax pattwit ta' 7% fuq il-kapital misluf lilu skond skrittura datata it-3 ta' Frar ta' l-1999, kopja hawn annessa u mmarkata Dok. A;**

**2. Illi l-ammont mitlub huwa limitat ghas-somma ta' hamest elef lira Lm5,000;**

**3. Illi l-konvenut jibqa' ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-kuratur deputat innominat espressament biex jirrapprezenta lill-imsemmi konvenut assenti datata s-6 ta' Ottubru tas-sena 2003 li eccepixxa s-segwenti:**

**1. Illi huwa ma jaf xejn dwar il-fatti li wasslu ghal din il-kawza u ser jaghmel hiltu jipprova jaqbad ma' Michael Spalek – li ghalih qieghed jidher biex jigbor it-taghrif mehtieg;**

**2. Illi ghalhekk huwa jirriserva d-dritt li jressaq l-eccezzjonijiet tieghu aktar tard;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Hadet konjizzjoni tal-verbal tal-kuratur nominat datat il-25 ta' Novembru tas-sena 2003 li nforma lill-qorti li**

**ghalkemm ipprova jespleta in-nomina tieghu bl-ahjar mod possibbli baqa' minghajr risposta mill-konvenut assenti;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilatibil-mod segwenti:**

**1. Illi a bazi ta' ftehim datat it-3 ta' Frar ta' l-1999 is-socjeta' attrici u l-konvenut assenti ikkonkludew l-iskrittura privata mmarkata Dok `A', (ara fol 2 u 3);**

**2. Illi a bazi ta' din l-iskrittura l-konvenut assenti jirrizulta li effettwa l-ewwel pagament ta' erbat elef mija u disa' u sittin dollaru Awstraljan, u tletin centezmu, (AUD 4,169.30,0);**

**3. Illi sussegwentement ma hallasx aktar bi ksur tal-kondizzjonijiet minnu pattwiti;**

**4. Illi jirrizulta li l-ammont mitlub fl-avviz odjern, ghalkemm jissupera l-kompetenza ta' din il-qorti, pero' hu limitat espressament ghas-somma ta' hamest elef Liri Maltin (LM5,000.00,0);**

**Ghaldaqstant din il-qorti, sodisfatta li s-socjeta' attrici ppruvat il-kaz taghha skond il-ligi, tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut assenti Michael Spalek ihallas lis-socjeta' attrici Hetronic Malta Limited l-ammont ta' hamest elef Liri Maltin, (LM5,000.00,0) bl-ispejjez.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------